MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Diċembru, 2013

Numru. 257/2001
Kawza Numru. 1

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDRA FARRUGIA MAMO**

**VS**

**RAYMOND SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 380157 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Fil-kapacita` tieghu bhala *Manager* mal-**Mid Med Bank plc**, illum **HSBC Bank Malta plc**, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskruttura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi  wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta` Joe Pace, Alfred Borg u persuni ohra, fuq *Bank Drafts* tal-**Mid Med Bank plc** u dokumenti ohra bankarji li jippartjenu lil **Mid Med Bank plc** u persuni ohra, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghaml uzu ta` ismijiet foloz , jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn sittin elf Liri Maltin (Lm60,000) bi hsara ta` diversi persuni, fosthom Joe Pace, Alfred Borg, **Mid Med Bank plc** u persuni u Istituzzjonijiet Finanzjarji ohra, bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 183, 184 308, 309, 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-artikolu 18,183,184,308,309,310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta, wara li rat ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti esebiti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza n-nota ta` sottomissjonijiet tardiva ta` l-imputat, illi dina l-Qorti qieghda tiddikjara l-ewwel u qabel kollox li din il-kawza giet istitwita f'April tas-sena 2001 u cioe` iktar minn tnax il-sena ilu, li ghal din il-Qorti hija haga ta` misthija. L-artikoli tal-Avukat Generali waslu fl-10 ta Lulju tal-2002, jigifieri din ilha ghad-difiza ghaxar snin.

L-imputat Raymond Spiteri kien **Advances Sales Manager** gewwa fergha tal-**Mid-Med Bank** il-Marsa meta allegatament gara dan l-incident.
Illi l-ewwel akkuza tikkoncerna allegazzjoni tal-prosekuzzjoni illi f'din il-kwalita` professjonali tieghu l-imputat ikkrea kont ta` self f'isem fittizzju u cioe` Alfred Borg u li dan is-self kien gie iggarantit permezz ta` garanzija jew rahan ta` kont bankarju iehor f'isem l-istess Alfred Borg din id-darba tal-Bank **Barclays** bil-kont gewwa ir-Renju Unit li ukoll kien kont fittizzju. Dan Alfred Borg kien allegat mill-imputat, kellu xi inkwiet mal-mara u xtaq jixtri propjeta` Hal Qormi u ghalhekk il-ftuh ta` dan il-kont.

Illi jirrizulta mill-Provi Prodotti, mill-fatti, illi dan Alfred Borg hija persuna vera u ezistenti, huwa kien jahdem bhala *waiter* il-**Magic Kiosk** (u ta` dan ingabet prova mill-prosekuzzjoni l-prova apposita) izda dan Alfred Borg qatt ma kellu kont bankarju f'ismu sia Malta kif ukoll fir-Renju Unit u, ghalhekk, dan il-kont Ingliz qatt ma kien ezistenti.

Minhabba l-ezistenza ta` dawn il-kontijiet bankarji, dan Alfred Borg qatt ma setgha jissellef flus mill-bank. Wiehed ghandu, hawnhekk, jirrimarka li dan Alfred Borg huwa persuna an-alfabeta jigifieri ma jafx jaqra u ma jafx jikteb.

Illi xehed l-istess Alfred Borg u spjega li kien is-sid tal-**Magic Kiosk,** Joseph Pace, li, originarjament, kien bghatu ghand l-imputat Raymond Spiteri fl-ufficcju tieghu fil-*branch* tal-**Mid-Med Bank** gewwa l-Marsa. Kien hemm li l-imputat talbu l-karta tal-identita` tieghu kif ukoll dettalji dwar il-genituri tieghu. Huwa jichad, kategorikament, li qatt ma kellu kont bankarju f'ismu jew li qatt issellef xi flus minghand bank kummercjali. Cahad ukoll illi qatt kellu inkwiet mal-mara jew li qatt kellu interess jixtri xi propjeta gewwa Hal Qormi. Importanti l-fatt illi jichad li l-firma fuq l-*opening account form* hija tieghu, dan id-dokument huwa esebit f'dan il-process. Alfred Borg isostni illi kien l-imputat Raymond Spiteri li qallu biex jghid dawn l-affarijiet izda hu ma riedx. Jghid illi, darba wahda, meta kien fil-kumpanija ta` Joseph Pace, iltaqghu bi ftehim ma` xulxin mal-imputat Raymond Spiteri hdejn ix-xatt tal-Belt ghax il-Bank kien bghat ghal Alfred Borg, u Joseph Pace u Raymond Spiteri bdew jillatikaw. F'hin minnhom Alfred Borg jghid illi semgha lill-iehor Joseph Pace jghid lil Raymond Spiteri "inti hemmhekk x'ghamilt?" u l-iehor qallu "int tahti issa nirranga". Dan ukoll ikkonfermah Joseph Pace fix-xhieda tieghu illi waqt illi nnega li qatt ghamel beneficcju personali mill-flus mghoddija lil Alfred Borg mill-imputat, jikkonferma li "nsibu illi is-Sur Spiteri ha xi flus f'isem Borg". Dan huwa Joseph Pace.
Illi xehed Dr Eric Mamo, **Senior Legal Manager** tal-**HSBC** (li qabel kien **Mid-Med Bank)** li esebixxa Dok EM14 li huwa kopja ta` *fax* indirizzata lill-impjegat tal-istess bank, Hugh Taylor East, mibghuta minghand certu J. W. Page, **Assistant Manager Fraud Protection,** tal-**Barclays Bank** gewwa l-Ingilterra li tghid:
"*The letter dated 29th of April 1996 addressed to Raymond Spiteri did not originate from Barclays*". Illi konferma ta` dan xehed Hugh Taylor East, fil-kapacita` tieghu ta` **Audit Manager** tal-**Mid-Med Bank.** Xehed illi d-dokumenti illi kienu jirrigwardaw is-self u li, allegatament, sar lil Alfred Borg ma kienu qatt instabu. Illi r-referenza

ghal *fax* tal-**Barclays Bank** iffirmata minn J. W. Page huwa jikkonferma li hu kien ikkomunika personalment ma` dan il-Bank gewwa l-Ingilterra u ghar-rahan li suppost kien qed jiggarantixxi s-self maghmul lil Borg dan ix-xhud jghid li **Barclays Bank** infurmawh illi Alfred Borg qatt ma` kien klijent taghhom u li n-numru tal-kont citat qatt ma kien jezisti. Din l-ittra ta` **Barclays Bank** tinkludi d-dettalji tar-rahan li, skont l-imputat Raymond Spiteri, kien, allegatament, ta lil Alfred Borg ghas-self u liema kont kien gie uzat bhala rahan.

Illi fix-xhieda tieghu Dr Mamo jkompli jispjega illi, kontra dan is-self maghmul lil Alfred Borg, inhargu erba` cekkijiet pagabbli, tnejn minnhom lil certu Lawrence Grima, wiehed lil avukat Raymond Pace u l-iehor lil certu Bertu Grech. Illi jirrizulta wkoll illi, mir-ricerka li saret mill-Bank, tlieta minn dawn ic-cekkijiet spiccaw f’kontijiet ta` kumpaniji li kien id-Direttur taghhom Joseph Pace Minn din l-istess ricerka jirrizulta wkoll illi in-numri tal-karti tal-identita` ta` Lawrence Grima u Bertu Grech skont il-firma allegatament taghhom fuq wara, kienu jirreferu ghal terzi persuni li ma kellhomx x’jaqsmu ma` dan il-kaz. Dan huwa wkoll ikkonfermat minn rapprezentanti ta` l-ufficcju tal-ID cards li wkoll telghu il-Qorti jixhdu.

Illi, in sostenn ta` din il-parti tax-xhieda ta` Dr Eric Mamo, ittella bhala xhud ukoll lil George Pace Ross, impjegat mal-Mid Med Bank li kien involut fl-incident li sar gewwa l-Bank tal-**Mid-Med Bank** gewwa l-Marsa fi zmien meta l-imputat kien ghadu **Advances Manager**. Huwa ma kienx sab id-dokumentazzjoni dwar is-self li kien inghata lil Alfred Borg. Jikkonferma l-hrug tal-erba` cekkijiet mahrugin lil individwi msemmijin minn Dr Mamo fix-xhieda tieghu, liema cekkijiet li kienu jammontaw ghal wiehed u tletin elf u hames mitt lira Maltin (LM31,000). Dan ix-xhud jikkonferma li kemm il-**Master Card** bil-firma tal-allegat detenur tal-kont ta` Alfred Pace kif ukoll il-*pledge form* fejn ukoll tidher dak li, allegatament, hija l-firma tal-istess Alfred Borg gew ikkonfermati bhala awtentici minn Raymond Spiteri vide document DOK ER li hija memo interna tas-17 ta’ Gunju 1997 a fol 138.

Illi d-dokument EM26 jistabilixxi illi l-imputat Raymond Spiteri bhala u fil-kariga ta` **Advances Manager** fil-Marsa fil-perjodu Frar 1996 u April 1997, u l-erba` cekkijiet imsemmija huma datati bejn April 1996 sa April 1997. Illi xehed ukoll Joseph Gaffiero, espert kalligrafu mahtur mill-Qorti, sabiex jezamina l-*opening of account form* allegatament iffirmat minn Alfred Borg sabiex ikun jista jiehu self. Wara li sar ezami professjonali ta` komparazzjoni anki ma kampuni ta` *handwriting* jew kitba ta` Raymond Spiteri iddikjara kategorikament "*I have no doubt whatsoever that Alfred Borg and Raymond Spiteri are one and the same person*".

Illi l-Qorti wkoll innominat lil Dr Martin Bajada bhala espert kaligrafu li ried jezamina dawn il-firem specifikament ta` dawn l-erba` cekkijiet, u l-*pledge form* u jirrelata dwarhom. Il-konkluzjonijiet ta` dan l-espert huma inekwivoci:
a) il-firem ta` Raymond Spiteri huma kollha awtentici;
b) il-firem ta` Alfred Borg m'humiex tieghu ghalkemm saru lkoll mill-istess id peress li jirrizultaw li ghandhom *traits* komuni;
c) il-firma ta` Anthony Spiteri fuq l-*endorsement* tac-cekkijiet aggirrat **Curio House** mhux tieghu;
d) illi l-firem illi allegatament kienu ta` Alfred Borg fuq il-*pledge form* u fuq l-erba` cekkijiet saru minn Raymond Spiteri.

Illi nteressanti huma s-segwenti xhieda:
1. L-Avukat Raymond Pace, illi bil-gurament spjega li c-cekk pagabbli lilu fl-ammont ta` ghoxrin elf Maltin (LM20,000) huwa kien iggirah fuq il-Perit Joe Cassar ghan-nom tal-Periti Cassar, Grech and Ebejer, li kellhom jiehdu minghand certu Spiteri;
2. Il-Perit Joe Cassar illi, bil-gurament tieghu ikkonferma li l-imputat Raymond Spiteri jigi r-ragel ta` oht il-Perit Mario Grech, l-imputat fil-passat kien talabhom self ta` ghoxrin elf Lira Maltin (LM20,000), u huma kienu tawhomlu;
3. Anthony Spiteri li fuqu kien aggirat cekk minnhom lil Lawrence Grima fl-ammont ta` tmint elef u hames mitt lira Maltin (Lm8,500), bl-*endorsement* Anthony Spiteri *for* **Curio House**, xehed illi ghalkemm kien minnu li kien il-*manager* tal-hanut ta` missier martu, Joseph Pace, liema

hanut kien jismu **Curio House** 'ma niftakarx dan il-*bank draft* zgur.'

Illi f'dawn il-proceduri saru zewg ittri rogatorji u cioe` dik ta`

1. Joseph William Page, **Assitant Manager**, gewwa l-**Barclays Bank** ir-Renju Unit, *branch* ta` Coventry: xehed li dik l-ittra li allegatament intbaghtet minn **Barclays Bank** bhala evidenza tar-rahan illi suppost kellu jipprovdi ghal Alfred Borg permess ta` *deposit account* li suppost kellu jkun gewwa l-Ingilterra sabiex jiehu s-self mill-Bank Malti m'originatx minn **Barclays Bank**;
2. Robert Hitchen, *team leader Court Orders* **Barclays Bank**: li jikkonferma li l-**Barclays Bank** qatt ma kellha kont f'isem ta` Alfred Borg jew bin-numru 10273310 li kien in-numru tal-kont Ingliz li bih saret il-garanzija tas-self Malta. Dan filfatt jistqarr illi dan in-numru lanqas ma kien rikonoxxibbli bhala numru tal-kont taghhom.

Illi l-imputat ghazel li jiehu l-pedana izda x-xhieda tieghu ma hija konvincenti xejn. Jaghmel diversi allegazzjonijiet kontra terzi persuni izda ma jipprova xejn sabiex jissustanza dawn l-allegazzjonijiet. Jirrakkonta affarijiet illi huwa stess semgha minghand haddiehor izda l-istess ma jgibx prova koklussiva sabiex jissustanza dak li huwa qieghed jirrakkonta. Ix-xhieda tieghu hija wahda konfuza, incerta u inezatta u certament m'ghandiex mill-verita`. Dan kollu minn bniedem professjonali fil-qasam bankarju bi snin twal ta` esperjenza illi l-mens rea tieghu f'dan ir-reat huwa wiehed illi jidher ferm. Huwa jammetti li lil Alfred Borg huwa kien qallu li hu kien ha jaghmel garanzija ghal terzi meta, filfatt, gie ppruvat illi l-imputat Raymond Spiteri kien ikkreja self f'isem Alfred Borg fittizju u mhux semplici garanzija. Huwa kontradittorju fix-xhieda tieghu. F'wahda jghid li l-flus li ttiehdu in self minn Alfred Borg hadhom hundred percent (100%) Joseph Pace, u fl-istess nifs huwa jammetti li bihom huwa kien hallas cirka wiehed u tletin elf Lira (LM31,000) minnhom mid-dejn tieghu.

Illi huwa stess jammetti illi c-cans kbir kien li huwa kien ha jinqabad f'dak li ghamel mill-Ispetturi tal-Bank u, ghalhekk,

jistqarr illi kawza li ma riedx jitlaq mill-fergha tal-Marsa qabel ma tkun thallset il-facilita`.

Illi lill-Qorti impressjonawha tliet (3) istanzi mix-xhieda tal-imputat u cioe, 1. fuq domanda tal-Qorti stess, l-imputat spjega kif Joseph Pace kien mghobbi bid-dejn tant illi l-banek ma baqghux isellfuh. L-akkuzat jghid li ghamel mezz biex isellef lil terza persuna lil Alfred Borg "biex issellift lill-terza persuna u sellift lil Alfred Borg". Izda s-self mhux veru li hadu u nghata lil Alfred Borg tant illi Raymond Spiteri jghid "probabilment dakinhar, *I mean with the benefit of hindsight*, nghid ehe, ghamilt hazin"; 2. In kontro-ezami mistoqsi jekk kienx Alfred Borg stess li ffirma fuq il-**pledge form** tal-Bank huwa jirrispondi "ma nistax nghidlek jien", meta kien l-istess imputat li ghamel xhud tal-firma fuq l-istess dokument. Mistoqsi mbaghad jekk il-firem ta` Alfred Borg fuq ic-cekkijiet u dokumenti ohra sarux minnu, huwa ma jinnegax izda, minflok, jirrispondi b'domanda ohra, "bilfors saru minni, Supretendent?";
3. Huwa jixhed "Jien biex hlistu lil Alfred Borg minnha l-bicca tax-xoghol dahhalt idejja fil-but u hallasthom". Dan mhux normali minn **Bank Manager** li jirrispetta ruhu ma jaghmilx dawn il-busullotti. Din il-verzjoni ghalhekk hija ghal kollox incredibbli.

Illi anki mill-istqarrijiet li kienu rilaxxati mill-imputat waqt l-investigazzjoni lill-awtoritajiet koncernati jhallu hafna li wiehed jista` johodhom b'mod posittiv. Huma mimlijin b'risposti bhal "m'ghandix risposta ghal mistoqsija", "ma nafx nghidlek", "m'ghandix nirrispondi ghal din il-bicca xoghol", etc.

Illi t-tieni akkuza tikkoncerna falsifikazzjoni allegata mill-imputat Raymond Spiteri ghall-firma ta` Joseph Pace, u dan sabiex jaggira zewg (2) cekkijiet fl-ammont ta` sittin elf lira Maltin (LM60,000), u erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM4,125) li kienu pagabbli lil Joseph Pace u dan bil-ghan li l-flus jigu depositati f'kont ta` terzi.

Ingabu x-xhieda sosegwenti:

1. Dr. Eric Mamo, in rappresentanza tal-**Mid-Med Bank** u tal-**HSBC**, jispjega li kienet giet awtorizzata facilita` mill-fergha tal-**Mid-Med Bank** gewwa Santa Venera fejn u meta l-imputat Raymond Spiteri kien jokkupa l-kariga ta` **Head of Advances** fil-**Head Office** tal-istess Bank favur John Borg u John Freeman, zewg impjegati ta` Joseph Pace. Minn dina l-facilita` hargu zewg (2) cekkijiet fl-ammont ta` sittin elf lira Maltin (LM60,000) u ta` erbat elef, mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (LM4,125) rispettivament u fuq il-wara ta` dawn iz-zewg *cheques* jidhru l-firem ta` Joseph Pace u ta` Alfred Stivala;

2. It-tieni xhud huwa l-imputat stess Raymond Spiteri, evaziv ghal kollox! Risposta tipika ghal x'ghamel b'dawn iz-zewg (2) cekkijiet kienet "tajthom lil Joe Pace ic-cekkijiet. Ic-cekkijiet mill-kont ta` Stivala hawn jew inkella kien qalli biex naghmilhom pagabbli lil xi *third party* minix cert. Jew riedhom *cash* jew riedhom f'isem *a third party*, minix cert, minix cert!" jirrepeti ruhu. F'daqqa ohra jghid illi dawn il-flus kienu spiccaw ghand Alfred Stivala izda jzid illi ma jafx x'jghid. Mistoqsi jekk hu jew martu ghamlu xi gwadann personali minn dawn il-flus jirrispondi "ma nafx nghidlek bl-amment" izda, iktar tard, jikkontradixxi ruhu billi jghid illi Alfred Stivala kien biss *go between* ghax il-flus marru kollha ghand Joe Pace;

3. Alfred Stivala stess illi ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet lilu maghmula nonostante li l-flus eminenti minn dan il-kont gew depositati f'kont li jgib ismu;

4. L-espert Joseph Gaffiero nominat mill-Qorti sabiex jirrelata dwar iz-zewg firem li jidhru bhala *endorsements* li jidhru fuq in-naha ta` wara ta` dawn ic-cekkijiet u jghid hekk, "*it is my sincere belief that the two endorsements reading Joseph Pace appearing on the two cheques in question were in all probability invented and executed by Raymond Spiteri*".

5. Dr. Martin Bajada li wkoll espert tekniku kaligrafiku sabiex jirrelata dwar l-awtenticita` tal-firem fuq dawn ic-cekkijiet illi jikkonkluda fir-rapport tieghu, illi l-*endorsements* illi allegatament, saru minn Joseph Pace ma kinux tieghu izda saru mill-istess id ghaliex hemm *traits* komuni.

Illi ghalhekk il-probabilita li kien l-imputat Raymond Spiteri li endorsja dawn iz-zewg cekkijiet u ffalsifika l-firma ta` Joseph Pace hija wahda ferm b'sahhita, iktar u iktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni r-risposta li ta` l-istess imputat ghad-domanda jekk hu ghamilx gwadann personali minn dawn il-flus u cioe` "ma nafx nghidlek bl-amment".

Dan ghal Qorti tfisser illi kien hemm element ta` gwadann zghir kemm hu zghir u iktar u iktar illi kien l-imputat illi kien il-persuna li ffalsifika din il-firma ta` Joseph Pace.

Illi l-Qorti trid tosserva dan li gej:
1. Illi l-kawza ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar tnax il-sena u iktar, u nonostante illi ntilef xi ftit taz-zmien, l-istess id-difiza kellha u nghatat kull oportunita li ggib il-prova taghha u li taghmel in-noti ta sottomissjonijiet taghha, anki sal-punt illi din il-Qorti accettat nota ta` sottomissjonijiet tardiva;
2. Illi kemm ilha din il-Qorti ppreseduta minn dan il-Magistrat sedenti hija ma semghet l-ebda xhud viva voce u ghalhekk id-decizjoni li waslet ghaliha din il-Qorti kienet il-frott ta` dokumentazzjoni li hija sabet fil-*file* appositu;
3. Illi, sa mis-seduta tal-21 ta' Marzu 2012, id-difiza kienet iddikjarat illi ma kelliex aktar provi waqt li l-istess difiza kellha tipprezenta nota ta` sottomissjonijiet sa mhux iktar tard mill-20 ta` Mejju 2012, liema nota giet pprezentata biss fit-23 t'Ottubru 2013, liema nota ttiehdet ukoll in konsiderazzjoni f'din is-sentenza;
4. Illi n-nota ta sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni giet ipprezentata in awla fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 u d-difiza regghet inghatat il-fakolta li tipprezenta nota ta` sottomissjonijiet taghha sa nofs Awwissu 2013 u ddiferiet din il-kawza ghas-sentenza ghall-lum. Id-difiza dan kienet tafu stante li dina l-Qorti ghandha l-abitudni li tghati kopja tal-verbal taghha lill-partijiet kollha mat-tmiem tas-seduta. Din in-nota, filfatt, saret tardivament.

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti m'ghandha ebda ezitazzjoni sabiex tiddikjara illi l-imputat huwa hati ta dak kollu li bih gie akkuzat mill-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni u l-Bank, internament, ikkonducew investigazzjoni b'reqqa

kbira u bi professjonalita` liema bhala tant illi ma hemm l-icken dubju dwar il-kolpevolezza inekwivoka tal-imputat. Ghal darb'ohra, ix-xhieda forensika kienet ukoll il-qofol sabiex jigi solvut dan il-kaz tant illi c-certezza ta` din il-Qorti li ssib htija hija pjuttost dovuta lilha.

Illi x-xhieda ta` Alfred Borg, John Borg u John Freeman, tliet impjegati ta` Joseph Pace u li lkoll jidher li gew utilizzati sabiex ikunu jistghu isiru akrobaziji finanzjarji minn haddiehor, il-ghaliex il-kreditu bankarju tal-wisq probabbli mittenti kien spicca fix-xejn. Xi hadd ha vantagg tal-ingenwinita` taghhom ghal skopijiet tieghu, u kellu l-ghajnuna tal-imputat *ben pjazzat* f'posizzjoni ta` fiducja ma` bank lokali illi ceda milli jidher ghat-tentazzjoni *to make a quick buck*.

U hija precizament din il-posizzjoni gholja ta fiducja li kien igawdi dan l-imputat fil-bank **Mid-Med** li taghmel dan ir-reat iktar serju. Il-banek, specjalment fl-era tal-llum bid-diffikultajiet economici kollha ghandhom jispiraw lis-socjeta` b'fiducja, serjeta u professjonalita. Dan il-kaz zgur ma jaghmilx dan.

Minhabba dawn il-motivi, din il-Qorti thoss li piena karcerarja effettiva hija necessarja. L-unika haga li hemm favur l-imputat huwa l-hlas lura ta` wiehed u tletin elf u hames mitt lira Maltin (LM31,000). Dina ser tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta` piena. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni dan kollu, qieghda tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ghal tletin (30) xahar li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------